TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 212/15-F

Pauline Mallia Milanes
Vs
Precision Optical Ltd.

Illum, 24 ta' Frar, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Ottubru, 2015, fejn ir-rikorrenti talbet danni ta'€381.20 rappreżentati prezz ta' lenti tal-vista biex jitwaħħlu fuq il-frame. U dan billi kellhom jinqalgħu il-ħġieġ tal-frame u minflok jitpoġġew lenti tal-vista. Wara li sar ix-xogħol, ir-rikorrenti innutat li kien hemm qasma fil frame.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema x-xhieda tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ħadet in-nuċċali tax-xemx tagħha sabiex il-lenti jinbidlu minn lenti tax-xemx għal-lenti tal-vista.

L-intimat issottometta li ma għamel l-ebda qasma fil-frame u li l-lenti huma tajbin.

**It- Tribunal jinnota illi:**

Ir-rikorrenti kienet ħallset l-ammont ta' €132.

It-Tribunal jinnota li mhux argument li l-lenti huma tajbin. Jekk verament sar xogħol ħażin u ġie maqsum il-frame, l-intimat għandu jinżamm responsabbli.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jiddeċiedi billi jordna s-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' mitt Ewro (€100) b'dan illi l-lenti jibqgħu propjeta' tar- rikorrenti kif ukoll il-frame bl-ispejjes kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**